LINJA GWIDA (UE) 2021/835 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-26 ta' Marzu 2021

li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/15 dwar statistika monetarja u finanzjarja (BĊE/2021/16)

Il-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 5.1, 12.1 u 14.3 tiegħu,

Billi:

(1) Emendi riċenti għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/33) ([1]) u r-Regolament (UE) Nru 1409/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/43) ([2]) jeħtieġu r-reviżjoni tal-Linja Gwida BĊE/2014/15 ([3]) peress li din tistabbilixxi r-rekwiżiti għat-tagħrif statistiku miġbur skont, fost l-oħrajn, dawk ir-Regolamenti, li għandu jintbagħat mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

(2) Il-Linja Gwida BĊE/2014/15 ġiet emendata b'mod sostanzjali diversi drabi ([4]). Peress li huma meħtieġa aktar emendi, il-Linja Gwida qed tiġi rriformulata fl-interessi taċ-ċarezza u maqsuma fil-linji gwida l-ġodda li ġejjin: (a) Linja Gwida (UE) 2021/830 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/11) ([5]) dwar statistika tal-partiti tal-karta tal-bilanċ u statistika statistika dwar ir-rati tal-imgħax ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji, (b) Linja Gwida (UE) 2021/831 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/12) ([6]) dwar tagħrif statistiku li għandu jiġi rrapportat dwar intermedjarji finanzjarji minbarra istituzzjonijiet finanzjarji monetarji, (c) Linja Gwida (UE) 2021/833 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/14) ([7]) dwar tagħrif statistiku li għandu jiġi rrapportat dwar *data* bankarja kkonsolidata, (d) Linja Gwida (UE) 2021/832 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/13) ([8]) dwar rekwiżiti għar-rapportar dwar l-istatistika tal-ħlasijiet, u (e) Linja Gwida (UE) 2021/834 tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB/2021/15) ([9]) dwar tagħrif statistiku li għandu jiġi rrapportat dwar ħruġ ta' titoli. Għaldaqstant, il-Linja Gwida BĊE/2014/15 jeħtieġ li tiġi rrevokata.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-ġbir u l-analiżi tat-tagħrif statistiku jkunu effettivi, il-BĊNi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' rapportar tal-Linja Gwida (UE) [2021/830 [(BĊE/2021/11) mill-istess data bħad-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar tar-Regolament (UE) 2021/379 ([10]) tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar l-entrati tal-karta

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1). Emendi riċenti għal dak ir-Regolament ġew riformulati fir-Regolament (UE) 2021/379 tat-22 ta' Jannar 2021 tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-partiti tal-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2021/2) (ĠU L 73, 3.3.2021, p. 16).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1409/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Novembru 2013 dwar l-istatistika tal-ħlasijiet (BĊE/2013/43) (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 18).

([3]) Linja Gwida BĊE/2014/15 tal-4 ta' April 2014 dwar statistika monetarja u finanzjarja (ĠU L 340, 26.11.2014, p. 1).

([4]) Linja Gwida (UE) 2015/571 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-6 ta' Novembru 2014 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/15 dwar statistika monetarja u finanzjarja (BĊE/2014/43) (ĠU L 93, 9.4.2015, p. 82); Linja Gwida (UE) 2016/450 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/15 dwar statistika monetarja u finanzjarja (BĊE/2015/44) (ĠU L 86, 1.4.2016, p. 42); Linja Gwida (UE) 2017/148 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2016 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/15 dwar statistika monetarja u finanzjarja (BĊE/2016/45) (ĠU L 26, 31.1.2017, p. 1); Linja Gwida (UE) 2018/877 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2018 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/15 dwar statistika monetarja u finanzjarja (BĊE/2018/17) (ĠU L 154, 18.6.2018, p. 22); u Linja Gwida (UE) 2019/1386 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2019 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/15 dwar statistika monetarja u finanzjarja (BĊE/2019/18) (ĠU L 232, 6.9.2019, p. 1).

([5]) Linja Gwida (UE) 2021/830 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Marzu 2021 dwar statistika tal-partiti tal-karta tal-bilanċ u statistika dwar ir-rati tal-imgħax ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2021/11).

([6]) Linja Gwida (UE) 2021/831 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Marzu 2021 dwar tagħrif statistiku li għandu jiġi rrapportat dwar intermedjarji finanzjarji minbarra istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2021/12).

([7]) Linja Gwida (UE) 2021/833 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Marzu 2021 dwar tagħrif statistiku li għandu jiġi rrapportat dwar *data* bankarja kkonsolidata (BĊE/2021/14).

([8]) Linja Gwida (UE) 2021/832 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Marzu 2021 dwar rekwiżiti ta' rapportar dwar l-istatistika tal-ħlasijiet (BĊE/2021/13).

([9]) Linja Gwida (UE) 2021/834 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Marzu 2021 dwar tagħrif statistiku li għandu jiġi rrapportat dwar ħruġ ta' titoli (BĊE/2021/15).

([10]) Ir-Regolament (UE) 2021/379 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2021 dwar l-entrati tal-karta bilanċjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2021/2) (ĠU L 73, 3.3.2021, p. 16).

bilanċjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (riformulazzjoni) (BĊE/2021/2), jiġifieri fl-1 ta' Frar 2022. Għaldaqstant, il-BĊNi jenħtieġ li jikkonformaw ukoll mal-Linji Gwida (UE) 2021/831 (BĊE/2021/12), il-Linja Gwida (UE) 2021/832 (BĊE/2021/13), il-Linja Gwida (UE) 2021/833 (BĊE/2021/14) u l-Linja Gwida (UE) 2021/834 (BĊE/2021/15) mill-1 ta' Frar 2022.

(4) Għal raġunijiet ta' ċertezza tad-dritt, il-Linja Gwida BĊE/2014/15 jenħtieġ li tiġi rrevokata fid-data li fiha l-BĊNi jikkonformaw ma' dawk il-Linji Gwida riformulati. Għaldaqstant il-BĊNi jenħtieġ li jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mill-1 ta' Frar 2022,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Revoka

1. Il-Linja Gwida BĊE/2014/15 qiegħda tiġi rrevokata.

2. Ir-referenzi għal-Linja Gwida revokata għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal-Linja Gwida (UE) 2021/830 (BĊE/2021/11), il-Linja Gwida (UE) 2021/831 (BĊE/2021/12), il-Linja Gwida (UE) 2021/833 (BĊE/2021/14), il-Linja Gwida (UE) 2021/832 (BĊE/2021/13) u l-Linja Gwida (UE) 2021/834 (BĊE/2021/15) kif xieraq u skont it-tabelli ta' korrelazzjoni fl-Annessi II sa VI.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u l-BĊE għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mill-1 ta' Frar 2022.

Artikolu 3

Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-26 ta' Marzu 2021.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS I

LINJA GWIDA RREVOKATA BIL-LISTA TAL-EMENDI SUĊĊESSIVI TAGĦHA

Linja Gwida 2014/810/UE tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' April 2014 dwar statistika monetarja u finanzjarja (BĊE/2014/15) (ĠU L 340, 26.11.2014, p. 1)	
Linja Gwida (UE) 2015/571 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-6 ta' Novembru 2014 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/15 dwar statistika monetarja u finanzjarja (BĊE/2014/43) (ĠU L 93, 9.4.2015, p. 82)	
Linja Gwida (UE) 2016/450 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/15 dwar statistika monetarja u finanzjarja (BĊE/2015/44) (ĠU L 86, 1.4.2016, p. 42)	
Linja Gwida (UE) 2017/148 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2016 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/15 dwar statistika monetarja u finanzjarja (BĊE/2016/45) (ĠU L 26, 31.1.2017, p. 1)	
Linja Gwida (UE) 2018/877 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2018 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/15 dwar statistika monetarja u finanzjarja (BĊE/2018/17) (ĠU L 154, 18.6.2018, p. 22)	
Linja Gwida (UE) 2019/1386 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2019 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/15 dwar statistika monetarja u finanzjarja (BĊE/2019/18) (ĠU L 232, 6.9.2019, p. 1)	

ANNESS II

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Linja Gwida BĊE/2014/15	Linja Gwida (UE) 2021/830 dwar statistika tal-partiti tal-karta tal-bilanċ u statistika dwar ir-rati tal-imgħax ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2021/11)
Artikolu 1(1)	Artikolu 1
Artikolu 1(2)	Artikolu 32
Artikolu 1(3), punti (a) u (b)	Artikolu 31
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3(1) u Artikolu 7(1)	Artikolu 3 u Artikolu 4
Artikolu 3(2), Artikolu 7(2), Artikolu 21(2) u Artikolu 22(2)	Artikolu 9
Artikolu 3(3), l-ewwel subparagrafu, Artikolu 21(3) u Artikolu 22(3)	Artikolu 10
Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu	Artikolu 30(3)
Artikolu 3(4)	Artikolu 30(2)
Artikolu 3(5)(b) u Artikolu 10(3)	Artikolu 8
Artikolu 3(5)(c)	Artikolu 30(7)
Artikolu 4	Artikolu 30(4)
Artikolu 5	—
Artikolu 6	Artikoli 22 sa 24
Artikolu 8(1) u (3)	Artikolu 19
Artikolu 8(2) u Artikolu 9(2)	Artikolu 21
Artikolu 9(1)	Artikolu 20
Artikolu 10	Artikolu 5
Artikolu 11	Artikoli 25 sa 26
Artikolu 14	—
Artikolu 17	Artikoli 11 sa 14
Artikolu 17a	Artikoli 15 sa 18
Artikolu 21(1) u (4)	Artikolu 7
Artikolu 22(1)	Artikolu 6
Artikolu 27	Artikolu 30(1)
Artikolu 28	Artikolu 33
Artikolu 29	Artikolu 34
Artikolu 30	Artikolu 35
Anness I	—
Anness II, Parti 1, (Tabelli 3a, 3b u 4)	Anness II, Parti 2
Anness II, Parti 3	Anness VI
Anness II, Partijiet 4 u 10	Anness II, Parti 1
Anness II, Parti 5	Anness V, Parti 1
Anness II, Parti 6	Anness V, Parti 2

Anness II, Parti 7	Anness II, Parti 3
Anness II, Parti 8	Anness VII
Anness II, Parti 13 sa 15	Anness III
Anness II, Parti 15a	Anness IV
Anness II, Parti 19	Anness II, Parti 5
Anness II, Parti 20	Anness II, Parti 4
Anness III	—
Anness IV	Anness I

ANNESS III

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Linja Gwida BĊE/2014/15	Linja Gwida (UE) 2021/832 dwar rekwiżiti ta' rapportar dwar l-istatistika tal-hlasijiet (BĊE/2021/13)
Artikolu 1(1)	Artikolu 1
Artikolu 1(2)	Artikolu 4(3)
Artikolu 1(3)(d)	Artikolu 5
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 18(1)	Artikolu 3(1) u (2)
Artikolu 18(2)	Artikolu 3(4), Artikolu 4(1) u (2)
Artikolu 18(3)	Artikolu 7
Artikolu 18(4)	Artikolu 8
Artikolu 27	Artikolu 6
Artikolu 28	Artikolu 9
Artikolu 29	Artikolu 10
Artikolu 32	—
Artikolu 33	Artikolu 12
—	Artikolu 13
Parti 16 tal-Anness II	Anness
Anness II, Parti 16, Tabella 1	—
Anness II, Parti 16, Tabella 1 – Mezzi ta' saldu użati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu	Anness, Tabella A
Anness II, Parti 16, Tabella 2	Anness, Tabella A
Anness II, Parti 16, Tabella 3	—
Anness II, Parti 16, Tabella 4	—
Anness II, Parti 16, Tabella 5	Anness, Tabella B
Anness II, Parti 16, Tabella 6	Anness, Tabella C
Anness II, Parti 16, Tabella 7	Anness, Tabella D
Taqsima 2	Artikolu 3(3)
Anness III	Artikolu 9 u premessa 10

ANNESS IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Linja Gwida BĊE/2014/15	Linja Gwida (UE) 2021/831 dwar tagħrif statistiku li għandu jiġi rrapportat dwar intermedjarji finanzjarji minbarra istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2021/12)
Artikolu 1(1)	Artikolu 1
Artikolu 1(2)	Artikolu 20
Artikolu 1(3)(a)	Artikolu 18
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 15	Taqsima 6
Artikolu 19	Taqsima 2
Artikolu 20	Taqsima 5
Artikolu 23	Taqsima 7
Artikolu 26	Taqsima 4
Artikolu 26a	Taqsima 3
Artikolu 27	Artikolu 19
Artikolu 28	Artikolu 21
Artikolu 29	Artikolu 22
Anness II, Parti 11	Anness I, Parti 4
Anness II, Parti 17	Anness I, Parti 1 u Artikolu 3(1)(a) u (b)
Anness II, Parti 18	Artikolu 12(1) u Artikolu 13(3)
Anness II, Parti 21	Anness I, Parti 5
Anness II, Parti 22	—
Anness II, Parti 23	Anness I, Parti 1 u Artikolu 6(1)(a) u (c)
—	Anness I, Parti 3
Anness II, Parti 24	Artikolu 9(1)(a) u (c)
Anness III	Artikolu 21
Anness IV	Anness II

ANNESS V

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Linja Gwida BĊE/2014/15	Linja Gwida (UE) 2021/833 dwar tagħrif statistiku li għandu jiġi rrapportat dwar data bankarja kkonsolidata (BĊE/2021/14)
Artikolu 1(1)	Artikolu 1
Artikolu 1(2)	Artikolu 4
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 12(1)	Artikolu 3
Artikolu 12(4)	Artikolu 3
Artikolu 12(2)	Artikolu 4
Artikolu 12(3)	Artikolu 5
Artikolu 27	Artikolu 6
Artikolu 28	Artikolu 7
Artikolu 29	Artikolu 8
Artikolu 32	Artikolu 9
Artikolu 33	Artikolu 10
Anness II, Parti 9, Tabella 1(annwali)	Anness I
Anness II, Parti 9, Tabella 2(trimestrali)	Anness II
Anness III	Artikolu 7

ANNESS VI

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Linja Gwida BĊE/2014/15	Linja Gwida (UE) 2021/834 dwar tagħrif statistiku li għandu jiġi rrapportat dwar ħruġ ta' titoli (BĊE/2021/15)
Artikolu 1(1)	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 16(1) u (3)	Artikolu 3
Artikolu 16(2)	Artikolu 4
Artikolu 1(3)(c)	Artikolu 5
Artikolu 27	Artikolu 6
—	Artikolu 7
Artikolu 28	Artikolu 8
Artikolu 30	Artikolu 9
Artikolu 29	Artikolu 10
Anness II, Parti 1 2	Anness I
Anness III	Artikolu 8

ANNESS VII

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Linja Gwida BĊE/2014/15	Regolament (UE) 2021/379 dwar il-partiti tal-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2021/2).
Artikolu 3(5)(a), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 9(1), punt (b) tal-ewwel subparagrafu
Artikolu 3(5)(a), it-tieni subparagrafu	Artikolu 9(4), it-tieni u t-tielet subparagrafi